# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 5 ta' Frar 2017
Il-V Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tal-ħames Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex b'fidi ferma nkomplu nwasslu l-messaġġ ta' Kristu lil ħutna l-bnedmin.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 58, 7-10)
Il-bniedem li tassew irid jimxi wara Kristu huwa dak il-bniedem li bil-fidi kollha jkun lest li jitlaq kollox u jwieġeb għas-sejħa tiegħU minnufih.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 2, 1-5)
Il-fidi u l-għerf tan-nisrani jinbnew permezz tal-qawwa ta' Alla.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 5, 13-16)
Ix-xewqa ta' Kristu hi li aħna l-bnedmin inkunu ħabbara prattiċi tal-Kelma tiegħU permezz ta' kliemna u ta' għemilna.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
F'dan il-mument tal-offertorju, ejjew ilkoll noffru l-ħidmiet u x-xewqat kollha tagħna għat-tixrid tal-kelma t'Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Fl-Evanġelju tal-lum smajna li jeħtieġ li nkunu dawl għall-oħrajn, u dan nagħmluh mhux biss bi kliemna, iżda wkoll bl-għemilna. Ejjew f'dan il-mument għażiż nagħtu xhieda ħajja tal-misteru tal-Ewkaristija billi nirċievu lil Alla ħaj fina.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.